# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT
## DR. JOSEPH GATT LL.D.

## Udjenza ta' nhar il-Ħamis, 22 ta' Frar 2024

## Każ Nru: 6504/2023

**Il-Pulizija**
**(Spettur Doriette Cuschieri)**

**vs**

**John Pace**
**(K.I. 715755M)**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuża miġjuba fil-konfront ta' John Pace, mwieled fis-27 ta' Ottubru, 1955 f'Ħal Għaxaq, iben Carmelo Farrugia u Carmela Farrugia, detentur tal-karta tal-identità nru 715755M u residenti 156, Maria Assunta, Triq id-Dejl, Għaxaq u ċioé:

***akkużat talli nhar is-27 ta' Settembru, 2021 u fil-ġimghat u x-xhur preċedenti ġewwa dawn il-Gżejjer Maltin:***

*B'diversi atti, ukoll magħmula fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi, ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, dawn l-atti jitqiesu bħala reat wieħed, imsejjaħ reat kontinwat:*

1. *Bħala sid il-kera jew amministratur tal-fond 27, Triq Santa Tereza, Għaxaq, bi ksur tal-ligijiet u regolamenti applikabbli, inti nqast li tirreġistra l-kirja tal-imsemmi fond lil Audrey-Anne Picco mal-Awtorita' tad-Djar.*

*Għaldaqstant, il-Qorti hija mitluba bir-rispett tordna lill-ħati, ai termini tal-Artikolu 22(1) Kap. 604 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex iħallas il-penali skont il-liġi, għar-raġunijiet hawn fuq speċifikati u ċioé multa ta' mhux inqas minn elfejn u ħames mitt Ewro (€2,500) u mhux aktar minn għaxart elef Ewro (€10,000).*

Ra dak li seħħ fis-seduta tat-22 ta' Novembru 2023[1], fejn għal kull buon fini, l-Awtorità tad-Djar rtirat kull proċediment li possibbilment kien hemm kontra ċertu Catherine Debono.

Rat dak li seħħ fis-seduta tal-lum[2], fejn l-imputat għażel li jammetti l-akkuża dedotta fil-konfront tiegħu.

Rat li l-istess imputat reġa' tenna l-istess ammissjoni wara li ngħata żmien jirrikonsidra l-istess.

[1] A fol 3 tal-proċess.
[2] A fol 6 tal-proċess.

**Ikkunsidrat**

**1) Fatti u ammissjoni**

Illi l-imputat għażel li jammetti l-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Illi kkunsidrat dan[3], il-Qorti qiegħda ssib lill-imputat ħati tal-akkużi dedotti fil-konfront tiegħu.

**2) Piena**

Illi l-liġi[4] tippermetti diskrezzjoni fil-piena li għandha tingħata bejn multa ta' elfejn u ħames mitt Ewro (€2,500) sa għaxart elef Ewro (€10,000). F'dan il-każ, il-Qorti ssib li għandha timponi il-multa fil-minimu tagħha.

**3) Konklużjoni**

Għaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikolu 22(1) tal-Kapitolu 604 tal-Liġijiet ta' Malta qiegħda ssib lill-imputat ħati tal-akkuża dedotta fil-konfront tiegħu u

[3] Dwar l-effetti tal-ammissjoni fil-kamp penali, wieħed huwa mistieden jara dak awtorevolment deċiż fis-sentenza ċelebri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs George Cassar Desain**, mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (Sede Inferjuri) nhar is-27 ta' Ottubru 1962. B'żieda ma dik is-sentenza klassika, wieħed huwa mistieden jara dak li seħħ u ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Andre Falzon,** (App Nru: 385/2015) mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (Sede Inferjuri) mogħtija nhar id-19 ta' Novembru 2015 u dik fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Godfrey Formosa,** (App Nru: 99/2017) mogħtija wkoll mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (Sede Inferjuri) nhar is-26 ta' Ottubru 2017.

[4] Artikolu 22 tal-Kapitolu 604 tal-Liġijiet ta' Malta.

konsegwentement tikkundannah iħallas multa ta' elfejn u ħamest mitt Ewro (€2,500) li għandha titħallas b'mod immedjat.

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Maġistrat

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur